

# S 5.2 MIT-TEMPJI PREISTORIĊI GĦALL-KATIDRALI

**S5.2.3**

Ninnutaw bidliet u kontinwità fil-postijiet ta' qima.

## A. Aqra dawn



Fiż-żminijiet preistoriċi sibna diversi statwi u figuri femminili li n-nies ta' dak iż-żmien x'aktarx kienu jagħtuhom qima bħala l-allat tagħhom. Fl-ewwel ritratt tidher replika, jiġifieri kopja ta' dik li nafuha bħala l-Mara l-Ħoxna. L-istatwa tal-Mara l-Ħoxna nstabet fit-tempji megalitiċi ta' Ħal Tarxien.



Fit-tieni ritratt tidher l-istatwa oriġinali tal-Mara l-Ħoxna, jiġifieri dik proprja li sibna Ħal Tarxien. Din l-istatwa llum nistgħu narawha fil-Mużew tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta.



Sibna figuri u statwi, fost l-oħrajn, ġewwa Ħaġar Qim, ġol-Ġgantija, Ħal Tarxien u anke fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. Fit-tielet ritratt tidher 'Il-Mara Rieqda', statwa li sibna ġewwa l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. L-ikbar numru sibnieh fit-tempji ta' Ħaġar Qim, fejn sibna seba' statwi b'kollox. Dawn kollha nistgħu narawhom fil-Mużew tal-Arkeoloġija l-Belt.

Għaliex taħsbu illi l-istatwi oriġinali dejjem inżommuhom fil-Mużew tal-Arkeoloġija filwaqt li fit-tempji npoġġu xi replika jew kopja? Billi r-replika tal-istatwa npoġġuha barra, din tiġrilha ħafna ħsara bl-elementi naturali bħalma huwa r-riħ, ix-xemx u x-xita. Imma rridu niftakru li jekk kopja ta' statwa titmermer, ikun faċli ħafna li ssir kopja oħra. L-importanti li l-istatwa oriġinali nipproteġuha mill-elementi naturali, u hekk nibżgħu għaliha biex tibqa' dejjem titgawda fil-futur.

## A. Wieġeb billi timla l-vojt jew billi timmarka t-tajbin:

1. Sibna statwi:
   - Ħal Tarxien biss.
   - Ħaġar Qim biss.
   - ħafna postijiet.

2. Fejn sibna l-ikbar numru ta' statwi?

   ___________________________________________

3. Fejn sibna l-ikbar statwa?

   ___________________________________________

4. Fejn nistgħu naraw l-istatwa oriġinali?

   ___________________________________________

5. Għaliex ma ħallejniex din l-istatwa fil-post fejn sibnieha?

   ___________________________________________

   ___________________________________________

6. Għaliex naħsbu illi l-qima lejn dawn l-allat kienet mifruxa ħafna fil-Gżejjer Maltin fil-Preistorja?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**B. Issa wieġeb dan it-tieni sett ta' mistoqsijiet**:

1. Fi Żmien il-Preistorja, in-nies li kienu jgħixu hawn kienu jagħtu qima lil diversi allat, fosthom lill-Mara l-Ħoxna. Semmi mod wieħed kif inbidel dak it-twemmin.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

Fi Żmien il-Preistorja, fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni kienu jidfnu lill-mejtin. X'insejħulu l-post illum fejn nidfnu lill-mejtin tagħna?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2. Bosta tempji megaltiċi ġew mibnija bil-ġebla Maltija. Din il-ġebla nsejħulha l-ġebla tal-franka.

❖ il-ġebel użat għall-bini tat-tempji megalitiċi kien kbir jew żgħir?

______________________________________________________________

❖ Il-ġebel użat għall-bini tal-knejjes tal-lum kien ikbar jew iżgħar?

______________________________________________________________

Din li qed tara fir-ritratt hija l-Knisja ta' Santa Tereża li tinsab ġewwa Birkirkara.

Għalfejn jintuża dan il-bini?

_______________________________________

X'materjal taħseb li ntuża minbarra l-ġebla tal-franka?



___________________________________________________________________

## Ċ. Ikteb BIDLA jew L-ISTESS wara kull sentenza

| | Bidla / L-Istess |
|---|---|
| 1. Fil-Preistorja, fit-tempji ta' Ħal Tarxien kienet tingħata qima lill-Mara l-Ħoxna, illum nagħtu qima lil Alla wieħed. | |
| 2. Ir-Rumani kienu jaduraw ħafna allat, illum naduraw Alla wieħed. | |
| 3. Il-bniedem minn dejjem kellu xi forma ta' twemmin. | |
| 4. Biex inbnew it-tempji megalitiċi tal-Ġgantija, intużat ħafna l-ġebla tal-franka. Anke biex inbniet il-knisja parrokkjali tar-raħal tagħna, intużat ukoll il-ġebla tal-franka. | |
| 5. Il-kappelli li nsibu fil-kampanja kienu knejjes żgħar ħafna; illum nibnu knejjes ħafna ikbar li jesgħu ħafna iktar nies. | |
| 6. Meta l-insara kienu jidfnu lill-mejtin tagħhom fil-katakombi, kienu jkunu qegħdin jidfnuhom taħt l-art. Illum ukoll l-oqbra li nużaw fiċ-ċimiterji tagħna jkunu mħaffrin taħt l-art. | |
| 7. It-tempji megaltiċi, bħall-knejjes tagħna tal-lum, kienu msaqqfin qishom koppla. | |
| 8. Illum nibnu knejjes kbar billi nużaw il-krejnijiet. | |